# L-ORDNI TAL-KAVALIERI TAL-QABAR TA' KRISTU

Fis-sena 1099, is-Salibijin (il-Kruċjati), li fis-sena ta' qabel kienu rebħu l-belt ta' Antiokija, daħlu f'Ġerusalem, u waqqfu s-Saltna Latina, b'Sultan tagħha Goffredu l-Buljuni, raġel għaqli u ta' rieda tajba. Dan ħaseb mill-ewwel isewwi l-ħsarat magħmulin sew mill-Persjani (616), kemm mill-Misilmin (638), u jrodd lil-Ġerusalem bħala Belt Imqaddsa, b'xeħta tassew nisranija. Għall hekk, fl-24 tew 25 ta' Lulju ta' dik l-istess sena 1099, ħoloq għaqdha reliġjuża ta' 12 il-saċerdot, bħala Kanoniki tal-Qabar ta' Kristu, magħrufin bħala l-Kapitlu ta' Ġerusalem, b'għan waħdieni għal qima u l-ġieħ tas-Santwarju ewlieni ta' dik il-Belt.

Hekk twieled l-Ordni tal-Kavalieri tal-Qabar ta' Kristu: Ordni b'għan waħdieni reliġjuż u biss il-quddiem, kif kienu jitolbu ż-żmienijiet, għaqqad miegħu uffiċċji u dmirijiet oħra.

U traku, ma kienx għadda ħafna żmien, li ma ġemb il-Kapitlu ta' Ġerusalem, ma nħolqotx għaqda oħra, bl-isem ta' "MILITES JERUSALEM", li dawn, bħala "guardia d'onore" ħarsu lis-Salib Imqaddes fit-taqtiha ta' Ramleh u s-sieltu bl-aħrax ukoll fl-1102 għas-Sultan Latin, Balduvin I; hekk, li dan is-Sultan ra' l-ħtieġa li jsawwarhom, u sawwarhom tassew f'għaqda militari għall-ħarsien tal-Kapitlu u tal-Qabar ta' Kristu (Custodia del S. Sepolcro). Ġara' mbagħad, li f'qasir żmien bosta minn dawn il-militari ħaddnu l-Ordni u r-regola tal-Kanoniki, hekk, li għaxar snin wara, jiġifieri fl-1114, saru Ordni wieħed: Ordni Reliġjus-Militari.

Iżda xejn m'hu li ma jidbiddilx fid-dinja. Sewwa sew, bil-kemm erba' snin kienu għaddew minn fuq il-għaqda taż-żewġ sura ta' Kavalieri fl-imkien, li xi Kavalieri-Militari tas-S. Sepulkru ma bdewx ifittċċju l-firda minn dawk tal-Qabar ta' Kristu bil-ħsieb li joħolqu Ordni ieħor għal Ħarsien tat-Tempju. U fl-1118, il-firda saret, u nħoloq l'ordni Militari ġdid tat-TEMPLARI.

*L-ORDNI TAL-KAVALIERI TAS-SANTU SEPULKRU.*

Dan l-Ordni reliġjuż, wara l-firda tiegħu minn dak militari, fl-1118, ġie, qajl qajl, mgħolli għal ġieħ l-aktar kbir. Ġie mwettaq, imseddaq u mgħoni b'ħafna ġid tar-ruħ u tal-ġisem minn għadd ta' Papiet, u lilu ġew mgħotija jeddijiet u privileġġi, li refgħuh fuq għaqdiet oħra fi ħdan il-Knisja. Mad-dħul ta' flejjes li kien idaħħal, bħala mħollijien lilu minn Kavalieri għonja, kellu ukoll in-nofs min dak li kienu jagħtu l-insara fil-Qabar ta' Kristu, mid-deċmi fil-Belt ta' Ġerusalem; u ma dan kien meħlus mit-taxxi u kellu l-jedd sħieħ għas-Sajd fl-ibħra tal-Galilijien u ta' Tabarija. Dawn il-ħwejjeġ m'għandniex xi ngħidu, ġibdu lejh l-istima tad-dinja: ġieħ għoli min-naħa ta' xi kbarat u setagħnin, u ċertu tħassib u biża min-naħa ta' oħrajn. U b'hekk dan l-Ordni reliġjus setgħa jwaqqaf Priorati, li jippresentawh fl-Ewropa u jieħu sehem ukoll f'xi taqbid li sar kontra l-Insara.

It-tiswir ġerarkiku ta' l-Ordni f'dan iż-żmien ta' ġieħ, kien hekk: bħala ewlieni Protettur ta' l-Ordni kien is-Sultan ta' Ġerusalem, li kellu jħares u jgħin lill-Ordni skond il-ħtieġa; l-ewlenija imma, Persuna Ġerarkika, li f'idejha hi l-Amministrazzjoni, kien il-Patrijarka Latin ta' Ġerusalem, u warajh jidħol il-Prijur. Għax dan hu Ordni essenzjalment reliġjuż.

Imbagħad jiġu l-Membri Reliġjużi, jiġifieri l-Kanonki u l-Fratelli li jaqdu, jiġbru offerti, jieħdu ħsieb il-pellegrini, l-morda, jqassmu karitajiet, u ħwejjeġ oħra. Fl-aħħarnett, il-Membri Lajkijiet, li huma l-Kavalieri u l-Klijenti; u mbagħad jiġu d-Dame.

### *L-ORDNI JĦALLI L-ĠERUSALEM*

Meta fl-1187 Ġerusalem waqgħet mill-ġdid taħt il-ħakma tal-Misilmin, il-Kanonki tal-Qabar ta' Kristu marru fil-Prijurat ta' S. Marija f'Tiru, u fl-1191 marru f'San Ġwann t'Akri, mirbuħa mis-Salibijin. Bil-ftehim li kien sar fl-1192 bejn is-Sultan u s-Salibijin setgħu jibqgħu fil-Qabar ta' Kristu żewġ Kanonki u żewġ Djakni, li minn flokhom imbagħad, fl-1219, daħlu l-Patrijiet Franġiskani, bil-jedd ukoll li joħolqu l-Kavaljeri tal-Qabar ta' Kristu. Għal darba oħra, fl-1229, wara sewwa sew għaxar snin li kien ilhom neqsin, il-Kanonki reġgħu lura f'Ġerusalem, imma minħabba l-qagħda mwegħra ħafna li kellhom ma' wiċċhom, ħallew darba għal dejjem il-Palestina, u ngħabru, fl-1291, fil-belt ta' Peruġja. Fil-Qabar ta' Kristu baqgħu l-Irħieb Franġiskani.

F'dan iż-żmien, l-Ordni tal-Kavalieri tal-Qabar ta' Kristu biddel ukoll għeliemu (li stemma tiegħu):-minn flok is-Salib aħmar patriarkali biż-żewġ fergħat, qiegħed Salib imdiheb b'erba' slaleb oħra żagħar fl-irkejjen tiegħu. Fis-seklu XII imbagħad, il-lewn dehbi ġie mibdul f'lewn aħmar, li hekk ukoll għadu sal-lum.

Fis-seklu XV, l-Ordni kien miġjub ħafna minn xi Slaten, u Imperaturi u Papiet dehrilhom li għandhom jedd jindaħlu, billi, minn mifrud kif kien jerġgħu jgħaqqduh f'Ordni wieħed, kif kien fil-bidu; imma din l-għaqda ma waslet qatt. Għalhekk, il-Papa Piju II ħall dan l-Ordni, u l-Papa Innoċenz VIII għaqqad il-ġid li kellu ma' dak ta' Rodi.

Wara, mbagħad, fl-1746, il-Papa Beneditt XIV wettaq u seddaq il-jedd li joħloq Kavalieri tal-Qabar ta' Kristu lil-P. Gwardjan jew Kustodju ta' l-Art Imqaddsa: u Piju IX, imbagħad, fl-1847, għamel li, bħala Gran-Mastru Delegat tas-S. Sede jkun il-Patrijarka Latin ta' Ġerusalem. Iżda, fl-1851, wara li saret is-soppressjoni ta' xi Prijurati, l-Ordni Reliġjuż, li kien infired minn dak l-ieħor l-Ajkali, fiż-żmien ta' l-ewwel waqa' ta' Ġerusalem, intemm għal kollox, u ma baqax ħlief biss "l-Ordni Equestri" tal-Qabar ta Kristu.

### *X'GĦAMLU L-AĦĦAR PAPIET GĦALL-ORDNI EQUESTRI TAL-QABAR TA' KRISTU.*

Kien Papa Piju IX li, fl-1868, ta għamla ġdida lill-Ordni tal-Kavalieri tal-Qabar ta' Kristu. Warajh, Papa Ljuni XIII, waqqaf u għaqqad ma l-Ordni d-DAME; mbagħad, San Piju X, wara li żejjen bl-għelm militari l-arma ta' l-Ordni, għamel li l-Papa nnifsu jkun il-Gran-Mastru, b'delegat jew luogutenent tiegħu l-Patrijarka

Latin ta' Ġerusalem. Piju XI, fl-aħħarnett, reġa' tafa' l-Ordni taħt il-Patrijarka, bl-isem ta' Rettur jew Amministratur għal dejjem.

L-Ordni l-lum immexxi hekk:-
a) Il-Papa hu l-Protettur: b) Rettur u Amministratur perpetwu hu l-Patrijarka latin ta' Ġerusalem, mgħejjun minn Referendarju.

c) IL-MEMBRI, li huma l-Kavalieri, Kommendaturi, Grandi Uffiċjali, Gran Croce eċċ. Dawn huma miġburin f'Luogotenenza, li titqassam f'Sezjonijiet. Kull Luogotenenza hi mmexxija minn Luogutenent, minn Prijur, li hu dejjem saċerdot, minn kunsilieri, kanċellier, Vessillifru, Segretarju, Teżorier u Ċeremonier. — Kull Sezzjoni, mbagħad, titmexxa minn President, Prijur, li dejjem hu saċerdot, Kunsillieri, Segretarju, Teżorier u Ċeremonier.

In-Nomni kollha jsiru mill-Beatitudni Tiegħu, l-Patrijarka Latin ta' Ġerusalem.

*A.M.*

---

# IL-KBIR KAN TAL-PERSJA

## ĦRAFA XERQIJA

Fost il-ħafna imperaturi li kellha l-Persja, kien hemm wieħed li kienu jsejħulu l-"Kbir Kan". "Magnanimus Imperator", u dan mhux għax kien jismu hekk, imma għax ma' tul is-saltna tiegħu ta' aktar minn tletin sena, kien hekk żejjen b'monumenti sbieħ u b'tifkirijiet kbar il-belt ewlenija tal-Persja, li qablu ebda Kan ieħor ma kien qatt ħolom jew ħaseb fihom. Għalhekk sejħulu "Kbir". Iżda b'dan kollu hu ma kienx ħieni, għax dawk il-monumenti u tifkirijiet minnu mwaqqfa ma kienux ilissnu ġieħu: kienu siekta, muti, bla kelma, waqt li hu kien jixtieq li huma joqgħodu jlissnu ismu ta' "kbir", u jfakkru, u jtennu, u jxandru bla hedu u ma' kulħadd il-kobor ta' dehnu u l-qawwa ta' ħiltu.

Dan il-ħsieb hekk kien ikiddu, li kien sar nervus ħafna u bla sabar mhux ftit. Xejn, u xejn tassew ma kien jonqsu: minn kollox kellu, u f'kollox kien moqdi, iżda qatt ma kien f'siktu: kien jidhirlu li kollox jonqsu, ladarba ma kienx hemm min bil-kliem ifaħħar dehnu, jfakkar ħiltu u jogħlli ġieħu. "Kobba mħabbla" — kien igħid — "mur ibbasta sewwija"!

U ħammem minn hawn u ħammem minn hemm, darba waħda fettillu jsejjaħ u jlaqqa flimkien l-Għorrief kollha tas-saltna u ġagħalhom ifittxu bejniethom biex isibu l-mezz li jaqtalu xewqtu u jagħmlu ħieni.

Kull wieħed minn dawk l-għorrief qal fehemtu. Wieħed wera l-fehma li jinbena palazz hekk mifrux fil-medda u hekk ta' kobor fil-ġmiel u fil-għana, li jkun magħruf bħala t-tmien għaġeb tad-dinja; imma din il-fehma ma ntogħġbotx, għax palazz kbir u għani kemm ikun, ma jlissinx kliem, ma jagħjjatx, ma jagħnnix. Ieħor qal: noħolqu xmara, li, ilmijietha jkunu jgħaddu minn tarf għall-ieħor tas-saltna; iżda din ukoll ma mxietx, għall-ilma ġieri jista' iwa, jagħmel xi ħsejjes, imma lè, qatt ma jasal ilissen isem il-Kbir Kan tagħna.